

**Sentenza tal-Qorti tal-Ġustizzja (Is-Sitt Awla) tat-8 ta' Frar 2018 (talba għal deċiżjoni preliminari tat-Tribunale Amministrativo Regionale Calabria – l-Italja) – Lloyd's of London vs Agenzia Regionale per la Protezione dell'Ambiente della Calabria**

(Kawża C-144/17)<sup>(1)</sup>

(Rinviju għal deċiżjoni preliminari — Kuntratti pubbliċi — Artikoli 49 u 56 TFUE — Direttiva 2004/18/KE — Raġunijiet għal esklużjoni mill-parteċipazzjoni f'sejħa għal offerti — Servizzi ta' assigurazzjoni — Parteċipazzjoni ta' diversi sindakati ta' Lloyd's of London fl-istess sejħa għal offerti — Sottoskrizzjoni ta' offerti mir-rappreżtant ġenerali ta' Lloyd's of London għall-pajjiżi kkonċernati — Princípiji ta' trasparenza, ta' ugwaljanza fit-trattament u ta' nondiskriminazzjoni — Proporzjonalità)

(2018/C 123/07)

Lingwa tal-kawża: it-Taljan

**Qorti tar-rinviju**

Tribunale Amministrativo Regionale Calabria

**Partijiet fil-kawża prinċipali**

Rikorrenti: Lloyd's of London

Konvenuta: Agenzia Regionale per la Protezione dell'Ambiente della Calabria

**Dispożittiv**

Il-principiċċi ta' trasparenza, ta' ugwaljanza fit-trattament u ta' nondiskriminazzjoni naxxenti mill-Artikoli 49 u 56 TFUE u li huma previsti fl-Artikolu 2 tad-Direttiva 2004/18/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-31 ta' Marzu 2004 fuq kordinazzjoni ta' proċeduri għall-għoti ta' kuntratti għal xogħlijiet pubbliċi, kuntratti għal provisti pubbliċi u kuntratti għal servizzi pubbliċi [kuntratti pubbliċi għal xogħlijiet, għal provisti u għal servizzi], għandhom jiġu interpretati fis-sens li dawn ma jipprekulux leġiżlazzjoni ta' Stat Membru, bħal dik inkwistjoni fil-kawża prinċipali, li ma tippermettix l-esklużjoni ta' żewġ "syndicates" tal-Lloyd's of London mill-parteċipazzjoni fl-istess proċedura għall-għoti ta' kuntratt pubbliku ta' servizzi ta' assigurazzjoni sempliċiment minħabba l-fatt li kull waħda mill-offerti rispettivi tagħhom għet sottoskritta mir-rappreżtant ġenerali tal-Lloyd's of London għal dan u l-Istat Membru, iżda għall-kuntrarju tippermetti l-esklużjoni tagħhom jekk ikun jidher, minn elementi inkontestabbli, li l-offerti ma ġewx ifformulati b'mod indipendenti.

<sup>(1)</sup> ĠU C 213, 03.07.2017.

**Sentenza tal-Qorti tal-Ġustizzja (L-Ġħaxar Awla) tat-8 ta' Frar 2018 – Il-Kummissjoni Ewropea vs Ir-Renju ta' Spanja**

(Kawża C-181/17)<sup>(1)</sup>

(Nuqqas ta' Stat li jwettaq obbligu — Politika tat-trasport — Regolament (KE) Nru 1071/2009 — Operatur tat-trasport bit-triq — Awtorizzazzjoni ta' trasport pubbliku — Kundizzjonijiet għall-għoti — Artikolu 3(1) u (2) — Artikolu 5(b) — Numru ta' vetturi meħtieġa — Leġiżlazzjoni nazzjonali — Kundizzjonijiet għall-għoti iktar stretti — Numru mimim ta' vetturi oħħla)

(2018/C 123/08)

Lingwa tal-kawża: l-Ispanjol

**Partijiet**

Rikorrenti: Il-Kummissjoni Ewropea (rappreżtant: J. Hottiaux u J. Rius, aġenti)

Konvenut: Ir-Renju ta' Spanja (rappreżtant: V. Ester Casas, aġġent)

## Dispożittiv

- 1) Billi rrrikjeda li l-impriżi jkollhom tal-inqas tliet vetturi sabiex tinkiseb awtorizzazzjoni ta' trasport pubbliku, ir-Renju ta' Spanja naqas mill-obbligi tiegħu skont l-Artikolu 3(1) u (2) u l-Artikolu 5(b) tar-Regolament (KE) Nru 1071/2009 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill, tal-21 ta' Ottubru 2009, li jistabbilixxi regoli komuni dwar il-kondizzjonijiet li għandhom jiġu rispettati għall-eżerċiżju tal-professjoni ta' operatur tat-trasport bit-triq u li jħassar id-Direttiva tal-Kunsill 96/26/KE.
- 2) Ir-Renju ta' Spanja huwa kkundannat għall-ispejjeż.

(<sup>1</sup>) ĠU C 195, 19.6.2017

---

**Appell ippreżzentat fid-19 ta' Awwissu 2017 miċ-CBA Spielapparate- und Restaurantbetriebs GmbH mid-digriet mogħi mill-Qorti Ġeneral (It-Tielet Awla) fid-19 ta' Ġunju 2017 fil-Kawża T-906/16, CBA Spielapparate- und Restaurantbetriebs GmbH vs Il-Kummissjoni Ewropea**

(Kawża C-508/17 P)

(2018/C 123/09)

Lingwa tal-kawża: il-Ġermaniż

## Partijiet

Appellant: CBA Spielapparate- und Restaurantbetriebs GmbH (rappreżentant: A. Schuster, avukat)

Parti oħra fil-proċedura: Il-Kummissjoni Ewropea

Permezz ta' digriet tat-8 ta' Frar 2018, il-Qorti tal-Ġustizzja tal-Unjoni Ewropea (L-Għaxar Awla) ċadhet l-appell u kkundannat lill-appellant tbat i-l-ispejjeż tagħha stess.

---

**Talba għal deċiżjoni preliminari mressqa mill-Oberlandesgericht Wien (l-Awstrija) fil-15 ta' Diċembru 2017 – Adelheid Krah vs Universität Wien**

(Kawża C-703/17)

(2018/C 123/10)

Lingwa tal-kawża: il-Ġermaniż

## Qorti tar-rinviju

Oberlandesgericht Wien

## Partijiet fil-kawża prinċipali

Rikorrenti: Adelheid Krah

Konvenuta: Universität Wien

## Domandi preliminari

Domanda 1:

Id-dritt tal-Unjoni, u b'mod partikolari l-Artikolu 45 TFUE, l-Artikolu 7(1) tar-Regolament (UE) Nru 492/2011 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-5 ta' April 2011 dwar il-moviment liberu tal-ħaddiema fi ħdan l-Unjoni<sup>(1)</sup> u l-Artikoli 20 u 21 tal-Karta tad-Drittijiet Fundamentali tal-Unjoni Ewropea, għandu jiġi interpretat fis-sens li jipprekludi regola li tgħid li l-perijodi ta' attivitā preċedenti rilevanti mwettqa minn membru tal-persunal tal-għalliema tal-Università ta' Vjenna jittieħdu inkunsiderazzjoni biss sa tul totali ta' lieta jew erba' snin, kemm jekk ikunu perijodi ta' attivitā mwettqa mal-Università ta' Vjenna jew ma' universitajiet jew stabbilimenti oħra paragħunabbli li jinsabu fl-Awstrija jew fpajjiż barrani?